# Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali tal-Għargħur

Lino Wettinger



Fi żmien il-Kappillan Dun Salvatore Zarb saret il-Konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali tar-raħal, mill-Isqof Fra Paolo Alferan de Bussan. Id-data tal-Konsagrazzjoni kienet ġiet iffissata għal nhar it-22 t'April 1736, b'digriet li kien ħareġ mill-Kurja tal-Isqof, li kien ġie mwaħħal sew mal-bieb tal-knisja tar-raħal u sew mal-bieb tal-Kurja. Dan id-digriet insibuh konservat fl-arkivji tal-Kurja tal-Arċisqof u kien ġie miktub minn Dun Dumink Falzon li kien Kanċillier tal-Vista Pastorali tal-1736.

Insibu li lejliet il-ġurnata tal-konsagrazzjoni, kienu nġiebu dawk ir-relikwji tal-Qaddisin li kellhom jiġu depożitati fuq il-mensa tal-artal maġġur tal-knisja parrokkjali nhar il-Konsagrazzjoni. Dawn ir-relikwji ġew depożitati fil-knisja ta' Santa Marija ta' Bernarda minn fejn wara nofsinhar, saret Translazzjoni Solenni mill-kleru tar-raħal lejn il-knisja ta' San Nikola ta' Bari, fejn tkanta l-għasar, imbagħad matul il-lejl saret velja ta' talb quddiem dawk ir-relikwji, li kienu esposti fuq l-artal għall-qima ta' dawk preżenti.

Fil-għodu, l-Isqof kien ġie lejn ir-raħal min-Naxxar, fejn kien għadda l-lejl rieqed għand il-Kappillan t'hemmhekk. Meta wasal ir-raħal, baqa' sejjer dritt lejn il-knisja parrokkjali biex jara li kollox kien ippreparat sew għal dik l-okkażjoni, imbagħad mar proċessjonalment mal-kleru lejn il-knisja ta' San Nikola fejn ta qima lir-relikwji imqaddsa li kien hemm fuq l-artal imbagħad wara bdiet ħierġa l-purċissjoni lejn il-knisja parrokkjali, u meta waslet fil-knisja, ir-relikwji ġew imqiegħda fuq l-artal maġġur u ġew inċensati mill-Isqof. Sadanittant, l-artal maġġur kien imneżża' minn kollox.

Wara, l-Isqof ġie mlibbes l-*Abiti Sagri* u bierek l-ilma. Eżatt wara bdiet iċ-ċerimonja tat-tberik tal-ħitan tal-knisja sew min-naħa ta' ġewwa u sew min-naħa ta' barra filwaqt li żewġ saċerdoti xarbu bl-ilma mbierek il-ġnub tal-bieb il-kbir tal-knisja. Meta l-Isqof spiċċa mit-tberik tal-ħitan tal-knisja ġie mxerred l-irmied mal-art f'forma ta' Salib ta' Sant'Andrija, għadda l-Isqof minn fuqu u bil-baklu ħażżeż l-ittri *Alpha* u *Omega* fuq l-erbgħa dirgħajn tas-Salib, li jfissru li Kristu huwa l-bidu



*Mensa tal-Artal Maġġur*

u t-tmiem.

Wara, l-Isqof beda' ċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni tal-knisja billi kkonsagra l-mensa tal-artal maġġur fejn ġew iddepożitati ir-relikwarji magħluqin ġo kaxxa tal-fidda, ġo ħofra li kien hemm lesta f'nofs il-mensa tal-artal imbagħad meta spiċċa l-konsagrazzjoni tal-artal, beda' jdur b'żejt ikkonsagrat mat-tnax-il salib tal-irħam li hemm mal-pilastri tal-knisja.



*Salib tal-Konsagrazzjoni*

It-tnax-il salib li hemm madwar il-knisja jirrappreżentaw l-Appostli filwaqt li l-artal maġġur huwa Kristu. Sadanittant il-knisja baqgħet mingħajr nies ġo fiha iżda meta spiċċat il-konsagrazzjoni, in-nies daħlu fil-knisja sabiex jassistu għall-Pontifikal tal-Isqof. L-artal maġġur ġie armat bil-gandlieri u s-salib fuq il-*prima*, u tqiegħdu t-trieħi fuq il-mensa tal-artal sabiex kollox ikun lest għall-Quddiesa tal-Isqof.




*Skrizzjoni tal-Konsagrazzjoni*

Wara l-kant ta' l-Evanġelu, l-Isqof għamel omelija fejn spjega bit-Taljan, it-tifsira tal-konsagrazzjoni tal-knisja u wara kienet inqalbet bil-Malti lin-nies preżenti minn Dun Mikiel Angelo Mamo. Wara tkompliet il-Quddiesa Solenni. Il-konsagrazzjoni tal-knisja spiċċat meta l-Isqof ta l-barka tiegħu.

Din l-okkażjoni solenni hija mfakkra permezz ta' skrizzjoni tal-irħam li tgħid li kien l-Isqof Fra Paolo Alferan de Bussan li kkonsagra din il-knisja nhar it-22 t'April 1736, meta kien Kappillan Dun Salvatore Zarb, bid-dedika tal-knisja lil San Bartilmew Appostlu. Id-data tal-konsagrazzjoni li tidher fuq din l-iskrizzjoni hija miktuba eżatt kif kienu jiktbuha r-Rumani, jiġifieri li l-konsagrazzjoni saret għaxart ijiem qabel l-1 ta' Mejju 1736. B'hekk dan ifisser it-22 t'April 1736.